**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**07 ta' April 2025**

**Rikors Numru 124/2024**

**Andre Galea**

**Vs**

**Automated Revenue Management Services Limited (ARMS) (C-46054)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Andre Galea** ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi r-rikorrenti ilu impjegat tas-soċjeta' intimata Automated Revenue Management Services Limited (ARMS) sa mis-sena 2014 u preżentement jokkupa l-kariga ta' Senior Lead Agent fid-Dipartiment ta' Cash & Reconciliation ġewwa l-uffiċċji ta' Gattard House Gwardamangia, liema kariga huwa ilu jokkupa sa mil-10 ta' Diċembru tas-sena 2019;*

2. *Illi lura fil-5 ta' Diċembru 2022 il-kumpanija Intimata ħarġet żewġ sejħiet għal promozzjonijiet interni fil-gradi ta' 'Executive' u kif ukoll għal pożizzjoni ta' 'Senior Executive' kif joħroġ ċar miċ-ċirkolari 15/2022 u 16/2022 ċirkolari annessi u mmarkati **Dok. AG1 u AG2**;*

3. *Illi r-rikorrenti applika għaż-żewġ sejħiet li ħarġu mill-Kumpanija Intimata, sabiex jiġi kkunsidrat għal dawn il-kariġi (applikazzjonijiet tal-esponenti annessi u mmarkati **Dok. AG3 u Dok. AG4** rispettivament;*

4. *Illi r-Rikorrenti kienet saritlu interview għaż-żewġt kariġi fl-4 ta' Lulju 2023 u dan kif jirrizulta fl-anness dokument mmarkat **Dok. AG5**);*

5. *Illi wara xhur ta' dewmien inkluż l-intervent tal-Union, fit-13 ta' Novembru 2023, is-soċjeta' intimata ippublikat ir-riżultati u l-esponenti ġie mgħarraf li huwa ma kienx ġie magħżul la għas-sejħa ta' 'Executive' u lanqas għal dik ta' 'Senior Executive' (kopja tar-riżultati tal-interviews għaċ-ċirkolari 09/2023 u 10/2023 annessi u mmarkati **Dok. AG6** u **AG7** rispettivament);*

6. *Illi l-esponenti appella din id-deċiżjoni u ressaq l-ilmenti tiegħu quddiem il-Bord tal-Appell fit-28 ta' Frar 2024 u fit-28 ta' Mejju 2024 irċieva risposta mingħand il-Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' intimata (kopja ta' din il-korrispondenza annessa u mmarkata **Dok. AG8**) fejn ġie infurmat li t-talba għal-promozzjoni tiegħu fir-rigward kemm applikazzjoni tiegħu a tenur taċ-ċirkolari 15/2022 u kif ukoll dik a tenur taċ-ċirkolari 16/2022 m'intlaqgħuwx;*

7. *Illi l-esponenti ħassu ferm aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord Appell u jinsab sorpiż, mhux biss bil-fatt li hu m'intgħażilx għall-ebda waħda mis-sejħiet, iżda ukoll għall-gradwatorja mgħotija fejn prattikament spiċċa minn tal-aħħar mill-applikanti. Dan id- diżappunt huwa sorret mill-fatt li l-istess patroċinat ġja jagħmel u ilu żmien twil ta' kuljum jaqdi r-responsabbilitajiet appartenenti għal dawn iż-żewġ gradi, kemm meta s-superjur tiegħu jkun marid, bil-vaganza jew l-uffiċċju ma jkunux qed ilaħqu max-xogħol.*

8. *Illi r-Rikorrenti jemmen li ma kien hemm l-ebda raġuni valida għaliex ma jintgħażilx, kellu l-kwalifiki daqs ħaddieħor u aħjar minnhom u allura huwa ċar li fil-konfront tiegħu saret inġustizzja kif ukoll abbuz fid-deċizjonijiet li ttieħdu li rrizultaw fil-promozzjonijiet li ingħataw;*

9. *Illi l-esponenti jikkontendi bid-dovut rispett li huwa kellu jiġi inserit fil-lista tal-persuni li għaddew mill-interview u li kellu jingħata l-promozzjoni, dejjem jekk l-proċess li l-eżeċizzju jkun wieħed korrett u oġġettiv;*

***Għaldaqstant, l-esponenti qed jitlob bħala rimedju ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta illi dan l-Onorabbli Tribunal:-***

1. *Jiddikjara li l-esponenti Andre Galea għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa sabiex jaqdi l-kariga ta' 'Executive' u/jew dik ta' 'Senior Executive';*

2. *Jiddikjara li l-esponenti Andre Galea kien intitolat għall-promozzjoni ta' 'Executive' u/jew dik ta' 'Senior Executive' peress li huwa ssodisfa r-rekwiżiti neċessarji u x-xogħol li jirrikjedu dawn il-pożizzjonijiet huwa ġja jaffettwah ta' kuljum;*

3. *Tordna lis-soċjeta' intimata sabiex b'mod immedjat tagħti lir-rikorrenti il-promozzjoni mistħoqqa lilu;*

4. *Tiddikjara li bil-fatt li r-rikorrent ma ngħatax la l-promozzjoni ta' 'Executive' jew il-promozzjoni ta' 'Senior Executive' mill-ewwel wassal sabiex l-esponenti soffra telf u danni;*

5. *Tiddikjara li dan it-telf u danni jinkludu fost affarijiet oħra telf ta' paga jew rimunerazzjoni li ġiet sofferta mill-esponenti minħabba li huwa ma ngħatax il-promozzjoni, telf ta' żmien sabiex huwa jagħmel progression minn skala għal oħra tal-paga u liema telf ta' żmien jkollu impatt fuq il-paga li huwa jipperċepixxi, telf ta' seniority u telf ta' benefiċċji oħra;*

6. *Tillikwida d-danni u t-telf kollu soffert mir-rikorrenti;*

7. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas t-telf u d-danni kollha hekk likwidati bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-likwidazzjoni tal-istess telf u danni sad-data tal-effettiv pagament;*

8. *Fin-nuqqas tordna illi l-marki tal-esponenti jerġgħu jiġu riveduti b'mod korrett u ekwu bil-għan li huwa jkun magħżul għax-xogħol mertu ta' dan ir-rikors;*

9. *Tiehu u tordna kull rimedju opportun fic-cirkostanzi.*

Ra r-risposta ta' **ARMS Ltd.** ipprezentata fis-6 ta' Diċembru 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi, in linea preliminari, qeghda tigi eccepita l-inkompetenza ratione materiae ta' dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jisma u jiddeciedi l-kawza odjerna stante illi l-vertenza in kwistjoni kellha tigi riferuta quddiem it-Tribunal Industrijali ai termini tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u ukoll in linea preliminari, dan l-Onorabbli Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jissindika atti tal-intimata stante li l-istess intimata ma taqax u m'hijiex parti mill-amministrazzjoni pubblika izda hija kumpanija privata stabbilita u regolata ai termini tal-kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-Att Dwar il-Kumpaniji. Illi, dan qieghed jinghad ghaliex, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu biss is-setgha li jirrevedi atti amministrattivi maghmula mill-amministrazzjoni pubblika bis-sahha tal-Artikolu 5 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap 490.*

3. *Illi, in linea preliminari ukoll, l-azzjoni odjerna hija improponibbli, perenti u in ogni caso fuori termine stante li l-azzjoni ma gietx intavolata fi zmien sitt xhur minn meta r-rikorrent sar jaf bl-att amministrattiv lamentat u ghalhekk l-istess perjodu ghadda, u dan ai termini tal-artikolu 7 (2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, KAP 490;*

4. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tar-raba, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrent, dan l-Onorabbli Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jiddikjara li r-rikorrenti sofra danni u kif ukoll li jikkundanna lill-esponenti ghal hlas ta' danni stante li dan l-Onorabbli Tribunal jista' biss jirrevedi atti amministrattivi ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490) izda ma jistax jintalab sabiex jillikwida danni u jordna hlas tal-istess.*

5. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra tieghu stante li dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jissostitwixxi l-funzjoni tal-interviewing board u/jew il-Board tal-Appelli. Illi, effettivament, dak li qieghed jintalab minn dan l-Onorabbli Tribunal huwa li jassumi l-funzjoni tal-interviewing board u/jew il-board tal-Appelli billi jkun it-Tribunal stess li jiddikjara li r-rikorrent ghandu jinghata l-promozzjoni u mhux biss illi jirrevedi l-att amministrattiv lamentat.*

6. *Illi, di piu', jigi rilevat li, kemm wara li attenda ghal interview wara l-pubblikazzjoni tas-sejhiet ghal promozzjoni u kif ukoll wara li kien ressaq l-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appelli, ir-rikorrent ma kienx gie maghzul ghal tali promozzjonijiet stante li ma kienx ssodisfa l-kriterji mehtiega sabiex ikun jista' jinghata tali promozzjonijiet u dan wara li l-applikazzjoni u/jew l-appell quddiem il-bord tal-appelli gew mistharrga mill-membri.*

7. *Illi, l-interviews li saru lir-rikorrent nzammu skont il-proceduri stabbiliti tas-socjeta' esponenti, inkluz ukoll il-bord tal-appelli, u ghalhekk fl-ebda hin ma saret xi forma ta' ingustizzja jew abbuz fid-decizjonijiet fil-konfront tar-rikorrent, kemm fid-decizjoni li ma nghatax il-promozzjonijiet u kif ukoll fil-gradwazzjoni tar-rizultati.*

8. *Illi, nonostante dak eccepit mir-rikorrent, il-kariga li huwa jokkupa fi hdan l-ARMS hija dik ta' Senior Lead Agent, u ghalhekk kull xoghol illi huwa jaghmel huwa relatat u marbut ma' dik il-kariga. Illi ghalhekk ma huwiex il-kaz illi r-rikorrent qieghed jaghmel xoghol relatat ma' kariga oghla minn dik li ghandu.*

9. *Illi, t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra tieghu stante illi d-decizjoni tal-esponenti hija gusta u timmerita konferma u ghaldaqstant l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

10. *Illi, t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

11. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

***Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.***

Ra illi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata huma ta' natura preliminari;

Ra l-atti prezentanti;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum ghal sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproċeda bl-appell odjern stante li ħassu aggravat b'deċiżjoni tas-socjeta` intimata illi ma jiġix magħżul ghall-kariga ta' *Executive* u *Senior Executive* fi hdan l-istess socjeta`. Huwa hassu wkoll aggravat mill-fatt li gie kklassifikat minn tal-ahhar mill-persuni li applikaw ghal dawn il-vakanzi.

Illi s-socjeta` intimata laqghat ghall-azzjoni tar-rikorrent billi ressqet numru ta' eccezzjonijiet, fosthom tnejn ta' natura preliminari. It-Tribual iqis illi t-tieni eccezzjonji tas-socjeta` intimata hija preliminari ghall-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk se tigi trattata f'dan l-istadju. Permezz tat-tieni eccezzjoni giet eccepita l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal in kwantu ma jistax jissindika atti tas-socjeta` intimata peress li ma tiffurmax parti mill-amministrazzjoni pubblika stante li hija Kumpanija privata b'responsabbilita` limitata.

Illi biex issostni l-eccezzjoni taghha, is-socjeta` intimata esebiet il-*Memorandum and Articles of Association* taghha li minnhom jirrizulta li giet inkorporata fl-2009 bhala socjeta` b'responsabbilita` limitata u dan ai termini tal-Att Dwar il-Kumpaniji.[1] Jirrizulta illi l-uniku zewg ishmatarji taghha huma l-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, bl-ewwel Korporazzjoni illum hija maghrufa bhala Enemalta plc. Illi dawn iz-zewg entitajiet huma entitajiet pubblici mwaqqfa b'ligi, u kwindi jiffurmaw parti mill-amministrazzjoni pubblika.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, dan ifisser illi ghalkemm is-socjeta` intimata hija wahda privata, il-kontroll taghha huwa f'idejn zewg entitajiet pubblici u kwindi l-atti taghha ghandhom jitqiesu bhala atti amministrattivi.

It-Tribunal jirrileva illi l-fatt li l-imsemmijin entitajiet pubblici ddecidew li jiffurmaw socjeta` privata b'responsabbilita` limitata biex tiehu hsieb, fost affarijiet ohra, mansjonijiet li qabel kienu jiehdu hsieb huma, ma jfissirx illi b'daqshekk l-atti ta' dik is-socjeta` m'ghandhomx jigu kkunsidrati atti ta' entita' pubblika. Bizzejjed wiehed jaghti harsa lejn in-numru kbir ta' kawzi li ppromwoviet is-socjeta` intimata kontra terzi matul is-snin u li dejjem ippromwoviethom ghan-nom taghha u ghan-nom tal-istess zewg entitajiet pubblici.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal iqis illi minkejja li s-socjeta` intimata giet inkorporata fil-qafas tal-Att Dwar il-Kumpaniji, xorta wahda ghandha tigi kkunsidrata li tifforma parti mill-amministrazzjoni pubblika.

Illi sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal se jdur issa fuq l-ewwel eccezzjoni.

Illi fir-rikors tieghu, ir-rikorrent talab li jinghata rimedju ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi t-Tribunal jirrileva illi c-citat artikolu jitkellem dwar il-procedura li ghandha tigi adoperata minn dan it-Tribunal.

[1] A fol. 58

Is-socjeta` intimata qieghda tinsisti illi dan it-Tribunal ma hux kompetenti *rationae materiae* stante li din il-kwistjoni kellha tigi riferuta quddiem it-Tribunal Industrijali ai termini tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal josserva illi t-talbiet tar-rikorrent mhumiex semplicement biex issir revizjoni ta' xi decizjoni amministrattiva, izda qed jitlob li jinghataw ghadd ta' ordnijiet lis-socjeta` intimata u wkoll li jigu likwidati danni sofferti minnu.

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal tinsab delinejata f'Artikoli 5 u 7 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), li jgħid is-segwenti:-

*5.(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra,kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.*

*7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.*

*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni.*

Illi artiklu 5 gie proprju emendat permezz tal-Att IV tal-2016 sabiex jitnehha kwalunkwe dubju dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal bil-mod kif kienet il-ligi qabel[2], fejn allura l-legislatur ghamilha ċara illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza generali li jirrevedi atti amministrattivi li jistghu jigu riveduti ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jista' jirrevedi biss dawk l-atti amministrattivi preskritti mill-istess Att jew ai termini ta' kull ligi ohra li tistabilixxi l-kompetenza tieghu.

Fir-rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Abela vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta,**[3] li minkejja li nghatat qabel l-emendi tal-2016, diga kien hemm direzzjoni dwar il-limiti tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u cioe`:-

*Illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-legislatur ma deherlux li kellu jhassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bhala ghodda ta' stharrig gudizzjarju ta' l-ghemil ta' l-amministrazzjoni pubblika. Id-disposizzjonijiet li jghoddu ghall-Qorti ma jestendux irwiehom ghat-Tribunal. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stharrig kif ukoll it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jwettqu setghat li jixxiebhu. Izda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubblici jew dawk il-korpi biss li l-Att kostituttiv tieghu espressament jaghnih bihom fit-Tielet Skeda tieghu [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] u ma ghandux is-setgha li jistharreg l-ghemil ta' awtoritajiet ohrajn li jaqghu fil-kompetenza wahdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgha ta' din il-Qorti li tisma' kawza ta' stharrig gudizzjarju tibqa' wahda residwali bhala garanzija ahharija fejn il-persuna mgarrba ma jkollhiex rimedju iehor gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju taht xi ligi ohra jew quddiem xi tribunal iehor.*

Minn din is-sentenza jidher ċar li l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva hija limitata biss ghal dawk l-awtoritajiet pubbliċi li l-Ligi kostituttiva taghhom taghti dritt ta' appell liċ-ċittadin minn atti amministrattivi da parte taghhom ghal quddiem dan it-Tribunal.

---

[2] Qabel l-emendi tal-2016, artikolu 5 kien jaqra hekk: *(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi.*

[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2012

Illi t-Tribunal jinnota li la fir-rikors promutur u lanqas fit-trattazzjoni dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet, ir-rikorrent ma indika ai termini ta' liema ligi kien qed jippostula l-appell tieghu. Fir-rikors promutur huwa jiccita l-artikolu 15 tal-Att Dwar il-Gustizzja Ammnistrattiva, pero` kif inghad iktar 'il fuq, dan l-artikolu jirregola biss il-procedura ta' dan it-Tribunal.

Illi t-Tribunal jirribadixxi li m'ghandux xi kompetenza generali biex jirrevedi l-atti kollha amministrattivi u li ma jinsabux elenkati fil-ligijiet speċjali. Filwaqt li huwa minnu li fl-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 wiehed isib li talba ghal revizjoni ta' att amministrattiv ghandha tigi pprezentata fi zmien sitt (6) xhur mid-data li l-persuna aggravata saret taf biha jew setghet issir taf biha, dan japplika biss fejn il-ligi speċjali ma tkunx stipulat terminu entro liema ghandha titressaq azzjoni ghal revizjoni ta' att amministrattiv u mhux ghaliex dan it-Tribunal ghandu xi kompetenza li jirrevedi b'mod generali kull att amministrattiv.

Għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma, illi fin-nuqqas ta' disposizzjoni specifika illi tissuggetta l-att li bih qed ihossu aggravat ir-rikorent ghal revizjoni quddiem dan it-Tribunal, id-deċiżjoni appellata ma tistax tiġi riveduta minn dan it-Tribunal.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha u fit-trattazzjoni finali, is-socjeta` intimata rriteniet li l-materja tal-appell hija ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali stante li r-rikorrent qieghed jallega, ghalkemm mhux daqstant car, element ta' diskriminazzjoni. Min-naha l-ohra, ir-rikorrent jishaq illi huwa mhux qed jallega li saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tieghu izda qed jallega li huwa kien jikkwalifika ghal promozzjoni, liema promozzjoni ma nghatatx. Ir-rikorrent sahaq illi mhux kull tilwima bejn impjegat u min ihaddmu hija ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali.

Illi ai termini tal-artikolu 75(1) tal-Att dwar Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452): *Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;*

*(b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12)tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u*

*(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal*

*kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra.*

Illi t-Titolu I tal-Att citat isemmi li fost affarijiet ohrajn, it-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza li jisma' u jinvestiga ilment ta' haddiem rigward diskriminazzjoni, id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali, vittimizzazzjoni u ghoti ta' fastidju mill-principal jew impjegat iehor.[4]

Illi minn dak li fehem s'issa dan it-Tribunal, ir-rikorrent m'hu qed jallega xejn minn dan kollu. Huwa qed jallega li saret ingustizzja mieghu dovuta ghal abbuz mis-socjeta` intimata. Fil-fehma tat-Tribunal, dawn il-lanjanzi jidhlu taht il-kappa tar-rimedju tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar stharrig gudizzjarju ta' decizjonijiet jew atti amministrattivi da parti ta' entitajiet pubblici. Illi l-istess artikolu jghid is-segwenti, u cioe`:

*(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

*(2) F'dan l-artikolu –*

*"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità*

---

[4] Ara artikolu 26 sa 30 tal-Kapitolu 452

*pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

*Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;*

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.*

*(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel,b'dak l-egħmil amministrattiv.*

*(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.*

*(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv.*

*Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.*

*(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra.*

Illi t-Tribunal hass li kellu jiccita dan l-artikolu kollu sabiex wiehed jifhem li l-qrati ordinarji ghandhom bil-wisq iktar poteri milli ghandu l-istess Tribunal, inkluz izda mhux biss, l-ghoti ta' danni jekk jirrizulta li l-awtorita` pubblika tkun imxiet b'*mala fede*.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Frar 2010 fejn intqal hekk:

*Illi l-Qorti tagħraf li kwestjonijiet marbutin mal-għoti jew iż-żamma ta' promozzjonijiet fi ħdan korp pubbliku ġeneralment jitqiesu bħala eżerċizzju li jħaddem element qawwi ta' diskrezzjoni, u jkun marbut ma' kriterji li wħud minnhom ikunu x'aktarx soġġettivi. Il-fatt li eżerċizzju bħal dan ikun iġorr miegħu apprezzament daqstant suġġettiv minn min ikun imsejjaħ biex jagħmel l-għażliet meħtieġa, ma jissarrafx waħdu f'setgħa awtomatika li Qorti, jekk tintalab minn xi ħadd aggravat b'tali proċess, tistħarreġ x'ikun sar f'eżerċizzju bħal dak. Dan għaliex wieħed irid jara jekk l-eżerċizzju fih innifsu huwiex maħsub għall-organizzazzjoni jew it-tmexxija interna tal-awtorita' pubblika li tkun għamlitu. Kien hemm drabi fejn din kienet il-fehma tal-Qrati u allura dehrilhom li ma kellhomx is-setgħa li jistħarrġu lment bħal dak.*[5] *Iżda kien hemm drabi wkoll fejn kwestjonijiet ta' nuqqas ta' għoti ta' promozzjoni ta' uffiċjal pubbliku tqieset aktar bħala ċirkostanza li primarjament tolqot lil dak l-uffiċjal iżjed milli tikkonċerna t-tmexxija interna dipartimentali;*[6]

It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghal sentenza li gabret fiha ghadd ta' gurisprudenza u ccitat awturi barranin fir-rigward, u cioe` ***Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju 2020, fejn fost affarijiet ohra intqal hekk:

*Il-Qorti rat illi hemm gurisprudenza kostanti skont liema il-promozzjoni ta' impjegati ta' awtorita pubblika jew governattiva, inkluz fil-forzi armati, ma tammontax ghal semplici att ta' amministrazzjoni jew organizazzjoni nterna.*

*Fis-sentenza* **Nikol Borg vs vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru**, *citata aktar -il fuq, inghad illi*

*... wara li hasbet fit-tul dwar dan l-aspett, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni sollevata mill-attur hija rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ghall-finijiet li jmorru lill hinn minn organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, ghaliex jirrigwardaw aspetti finanzjari jew retributtivi li l-attur, wara kollox, qieghed jimmira li jikseb jekk jinghata gharfien retrospettiv ghall-Iskala Ii jippretendi li ma nghatatlux f'waqtha*

*Il-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat din id-decizjoni billi qalet hekk:*

---

[5] Per eżempju, ara P.A. 22.10.2002 fil-kawża fl-ismijiet Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija (Kollez. Vol: LXXXVI.iii.410)

[6] App. Ċiv. 27.1.2006 fil-kawża Nikol Borġ vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

*Fil-fehma ta' din il-Qorti d-decizjoni tal-konvenut li l-appellant Borg ma jinghatax il-promozzjoni b'effett immedjat ma hijiex mizura intiza ghal organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, stante li kif jghid l-appellat firrisposta ta' l-appell tieghu (fol. 61) l-kwistjoni dwar jekk persuna tavvanzax fil-karriera taghha fis-servizz pubbliku hija kwistjoni li primarjament tolqot lil dik il-persuna, u ma tikkoncernax l-amministrazzjoni interna per se. In oltre laspetti finanzjarji ta' ghoti ta' promozzjoni jew nuqqas ta' tali ghotja huma ta' certa importanza ghall-ufficjal pubbliku koncernat, u tali aspetti certament ma jisthoqqilhomx li jigu ekwiparati ma' dawk ta' mizura merament ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna.*

*A bazi ta' din il-linja ta' hsieb, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maggur Claudio Terribile AFM vs Prim Ministru et*** *(4/11/2009) kienet ukoll iddecidiet illi l-promozzjoni o meno ta' membru tal-korp tal-Forzi Armati ta' Malta ma tistghax titqies bhala att ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna.*

*Fuq vena simili, u fir-rigward ta' promozzjonijiet fi hdan il-Forzi Armata ta' Malta, fis-sentenza* ***Raymond Camilleri vs Il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati*** *(PA 26/10/2010) gie deciz illi*

*... it-tehid minn awtorita' pubblika ta' decizjoni jew rifjut minnha ghal xi talba maghmula lilha minn persuna, jmorru lil hinn minn semplici ezercizzju ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Fi kliem iehor, jixraq li wiehed jaghraf id-differenza bejn l-ghazla ta' awtorita' pubblika li ssejjah applikazzjonijiet (imqar jekk fi hdan l-istess awtorita') ghall-mili ta' karigi jew promozzjonijiet, u l-mod kif jitwettaq dak l-ezercizzju. Fil-fehma ta' din ilQorti, ghandu jkun car li r-rimedju tal-istharrig gudizzjarju skond l-artikolu 469A m'huwiex moghti fil-kaz tal-ewwel, imma huwa moghti u xieraq fil-kaz tat-tieni: il-Qorti ma tindahal bl-ebda mod jekk l-FAM imisshiex taghmel sejha jew ezercizzju ta' promozzjonijiet, izda l-Qorti ma tistax ma tqisx ilment dwar kif ikun twettaq dak il-process ta' ghazla, jekk kemm-il darba jkunu jezistu xi wahda mir-ragunijiet mahsuba fl-artikolu 469A(1) tal-Kap 12.*

*[...]*

*Illi fid-duttrina dawn l-atti maghmula bil-ghan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi hdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwiehhom ghal dawk il-mizuri mehuda biex l-istess awtorita' izzomm certa ordni fit-tmexxija taghha ta' kuljum. B'dan li fejn tali mizura tilhaq certa livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbaghad dik il-mizura tidhol fit-territorju ta' ghamil amministrativ li dwaru l-Qrati jistghu jinqdew bis-setgha taghhom li jistharrgu.*

*Interessanti wkoll ir-ragunament ta' din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet* ***Alan Joseph Fiott vs Id-Direttur Generali, Servizzi***

***Edukattivi fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol** (PA 26/02/2019) fejn gie li "…billi mill-mod kif inhi versata l-ligi, mhux bizzejjed li att ikun oggettivament wiehed ta' amministrazzjoni nterna (bhalma bla dubbju huwa transfer) imma biex jattira l- RG 187/2016MC Mallia vs Kap Kmandant 17 insindakabilita` tal-Qrati, jinhtieg li l-ghan tal-att ikun ukoll tali: "xi haga li ssir bl-ghan ta'" (fit-test Ingliz: "intended for")" u li ghalhekk m'huwiex dejjem il-kaz illi att li prima facie jkun ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna ikun awtomatikament insindikabbli. Dan ghaliex dak li jrid jirrizulta huwa li l-iskop innfisu tal-mizura kien proprju ir-retta amministrazzjoni pubblika. Dan intqal b'referenza ghas-sentenza flismijiet **Denis Tanti vs Prim Ministru et**, citata aktar -il fuq, fejn gie deciz illi …*

*fis-sistema kostituzzjonali taghna Kap ta' Dipartiment ma ghandux diskrezzjoni illimitata sabiex jiddetermina x'inhuma l-esigenzi tas-servizz u l-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex dawn jigu sodisfatti, fis-sens li ma jistax juza din id-diskrezzjoni b'mod abuziv u illegali. Kieku kien mod iehor ikun ifisser li Kap ta' Dipartiment isir entita` 'l fuq mil-ligi – sitwazzjoni li mhix accettabbli fis-sistema kostituzzjonali taghna mibnija fuq il-principju tar-Rule of Law. Konsegwentement, il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni jissindakaw jekk l-azzjoni li tkun ittiehdet tkunx verament konsegwenza ta' l-esigenzi tasservizz, sabiex jigi accertat li l-Kap ta' Dipartiment ma jkunx qed juza l-poteri lilu moghtija sabiex jilhaq skopijiet oltre dawk li ghalihom f'idejh gie fdat dak il-poter, fi kliem iehor sabiex jigi accertat li l-Kap ta' Dipartiment ma juzax il-poteri tieghu sabiex jikkommetti xi illegalita.*[7]

Illi fid-dawl ta' din il-gurisprudenza hija l-fehma umli ta' dan it-Tribunal illi minn ezami tat-talbiet tar-rikorrent, id-dikjarazzjonijiet mitluba minnu jistghu biss jigu decizi mill-qrati ordinarji.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa konxju tal-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:-

*"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża."*

Ghalkemm dan l-Artikolu tal-Ligi jittratta dwar il-kaz ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza sollevata quddiem Qorti, it-Tribunal hu tal-fehma li dak hemm provdut dwar il-procedura li ghandha tigi adottata f'kaz li tali eccezzjoni tirrizulta gustifikata japplika anke ghal proceduri pendenti

[7] Ara wkoll Raymond Camilleri vs Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati (PA 26 Ottubru 2010) fejn isir argument pjuttost simili

quddiemu, u dana anke fid-dawl tal-fatt li a tenur ta' l-Artikolu 20(1) ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, it-Tribunal ghandu l-istess setghat li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jtenni li fil-fehma tieghu ma huwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent, se jkun qieghed jordna permezz ta' digriet *in camera* li l-atti ta' dawn il-proceduri jigu trasferiti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tiehu konjizzjoni tal-istess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata, jilqa' l-ewwel eccezzjoni taghha u jiddikjara li ai termini tal-Kapitoli 490 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandux kompetenza li jisma' u jiddeciedi l-mertu ta' dan l-appell.

It-Tribunal se jkun qed jordna, permezz ta' digriet kamerali, li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom. In vista ta' dan, it-Tribunal qed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2024.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**